# IL-BIDWI

FOLJU MAĦRUĠ DARBTEJN FIX-XAHAR MID-DIPARTIMENT TAL-BIEDJA

*Editur, C. Zammit-Marmarà M.B.E.*

Nru. 47 — IL-ĦADD, 15 TA' OTTUBRU, 1944. — Nru. 47

KELMTEJN MILL-EDITUR

# *HARSA 'L QUDDIEM*

*META jingħata s-sinjal biex il-kanuni ma jisparawx iżjed, u l-vapuri u l-ajruplani jerġgħu jibdew jaħdmu biex iġorru l-merkanzija flok balal u bombi, u pajjiżna jibda bil-mod il-mod jistejqer mill-feriti ikkaġunati mill-ġenn ta' Hitler u sieħbu, aħna jkun jiħtiġilna li nwaqqfu minnufih u nsaħħu l-iżjed industrja li kienet tħaddem l-akbar għadd ta' nies, jiġifieri l-Esportazzjoni tal-prodotti tal-pajjiż. **Jiħtieġ li wieħed iqajjem l-esportazzjoni tal-***Kemmun* u nfittxu wkoll swieq ġodda għal xi prodotti oħra tal-pajjiż li għandna jew li jista' jkollna. *Ma' dawn tiżdied l-Industrja l-ġdida tal-Kultivazzjoni taż-Żerriegħa għas-safar li meta titwaqqaf—nittamaw f'qasir żmien—tgħaddi mn'idejn il-Gvern għal idejn xi Kumpannija Kummerċjali Maltija.*

*L-industrja ġdida tal-Kultivazzjoni taż-Żerriegħa tista', meta tkun taħt kumpannija kummerċjali, tifrex ħafna friegħi oħra, bħalma huma l-kultivazzjoni għas-safar ta' pjanti tal-fjuri (Qronfol, Krisantemi u oħrajn), kif ukoll siġar tal-frott u ħwejjeġ hekk. Dawn huma friegħi li ġonna privati u dilettanti jistgħu jieħdu sehem fihom taħt treġija tajba mill-kumpannija. Fi ftit kliem b'inizjattiva tajba u b'enerġija, din l-industrja ġdida tista' tikber u ġġib xogħol u għana ġdid fil-pajjiż.*

*Fil-waqt li resqin għan-normali u nibdew nirrikostitwixxu pajjiżna, hu meħtieġ li wieħed jiftakar fil-ħamrija li żmien ilu konna nħallu tindifen taħt il-bini. Din il-ħamrija hi tabilħaqq prezzjuża u ma għandniex nidfnu dak li nistgħu nsalvaw ukoll minn bini li ġie mwaqqa'. Meta wieħed idur il-kampanja u jara dak il-blat mikxuf fejn la hemm bini u lanqas raba' f'inħawi mill-isbaħ, wieħed malajr jinduna kif dawn il-postijiet li m'huma ta' l-ebda użu, jistgħu bil-mod il-mod jinbidlu f'raba' u ġonna fertili li jagħtu għana u ġmiel lil pajjiżna. Jiħtieġ li dik il-liġi dwar il-ħamrija tiġi mħarsa bi skruplu kbir.*

## *Kwistjonijiet Dwar Xi Prodotti Tal-Biedja*

**(Taħdita magħmula fuq ir-"Rediffusion" mid-Direttur tal-Biedja fl-1 ta' Ottubru, 1944).**

SEWWA sew il-lum, l-Ewwel ta' Ottubru, tibda s-sena tal-Biedja tal-Gżejjer tagħna, u nifhem jien illi t-temp qiegħed juri li x-xita din is-sena mhux biss sejra tkun bikrija ħafna, iżda sejra tkun sena milwiema u ta' ġid. J'Alla tkun ta' ġid għal kulħadd—produttur u konsumatur!

Ma nistgħux niċħdu illi din is-sena kellna ftit tat-tgemgim minn kull naħħa ixtarx ibbażat fuq nuqqas ta' tagħrif dwar il-fatti veri. Bosta drabi d-Dipartiment tal-Biedja jiġi ikkritikat u ikkundannat fuq ħwejjeġ li tagħhom ma jkollu ebda ħtija. Id-Dipartiment hu lest biex isofri u jirċievi kull xorta ta' kritika meta tkun ġusta u bażata fuq il-fatti u mhux fuq għajdut ta' min l-interess tiegħu mhux ħag'oħra ħlief li jaqla' l-inkwiet.

Kellna l-kwistjoni tal-basal. Il-bidwi kien jilmenta li l-Gvern mhux jieħu basal biżżejjed; il-konsumatur jidhirlu li l-Gvern, billi kien hawn ħafna basal ma kienx imissu jikkontrollah — u talli ikkontrollah id-Dipartiment tal-Biedja ma għamilx ħag'oħra ħlief ikkaġuna ħafna rimi. Dan hu dak li jaħsbu x'uħud—iżda x'inhuma l-fatti?

Il-fatti juru li, fi żmien normali, meta sa ċertu żmien ma kienx ikun hemm is-safar tal-basal, il-bidwi kien ikollu jitfa' bosta mill-basal gozz, u jħallih jitħassar. Meta kien hemm is-safar tiegħu, hemm kien iġib l-aħjar prezz li jista' jikseb.

Il-prodott din is-sena kien qawwi, u safar ma kienx hemm għall-bidu ta' l-istaġun. Aħna hawn Malta nikkultivaw varjetajiet ta' basal li għas-suġġett li qiegħed nitħaddet fuqu jaqbel li nqassmuh fi tlieta, jiġifieri: (a) Basal abjad, (b) basal isfar, u (ċ) basal aħmar.

Il-basal abjad hu l-itjeb għall-ikel u għat-tisjir, iżda ma jżommx. Għalhekk hi ħaġa ċara li l-ewwel ma għandna nbiegħu minnu hu l-basal abjad. Warajh għandna l-basal isfar. Il ma jżommx wisq — iżomm iżjed mill abjad, imma ġeneralment ma jżommx iżjed mill-aħħar ta' Settembru (għalkemm dan jiddependi wkoll mill-post, għaliex f'ċerti postijiet iżomm inqas u f'postijiet oħra jżomm iżjed). Imbagħad għandna l-basal l-aħmar li jżomm ħafna.

Kieku l-Gvern — jew biex ngħid aħjar, id-Dipartiment tal-Biedja — kellu f'idejh il-kontroll taż-żrigħ, allura kien ikun jista' jqassam iż-żrigħ ta' dan il-basal b'mod li kien ikollna biżżejjed minn kull xorta għaż-żmien li jkollna bżonnu; u billi allura kien ikun jista' jirregula l-kwantità, naturalment ma kienx ikun hemm ħala, la mill-abjad, la mill-isfar u lanqas mill-aħmar. Iżda, billi ma kienx hemm kontroll taż-żrigħ, ġara li l-kwantità ta' l-abjad kienet mhux ħażin, ta' l-isfar kienet iżżejjed u ta' l-aħmar mhux wisq. Ir-riżultat hu ċar ħafna. Biex l-affari timxi jkun jinħtieġ: l-ewwelnett illi l-poplu jibda jiekol mhux ħażin mill-basal abjad; imbagħad jibda jikkonsma b'għaġla kbira mill-isfar, u fl-aħħarnett jibda jagħmel ekonomija b'ex iservih l-aħmar. Dan ifisser illi billi kellna ħafna mill-isfar u billi dan ma jżommx, allura kellna nagħmlu dak kollu li nistgħu (l-iżjed billi għamlet dik ix-xita f'nofs ix-xahar ta' Awissu), sabiex nikkunsmaw mill-isfar bil-għama qabel ma jitħassar, u mbagħad nibdew nagħmlu ekonomija mill-ġdid.

Tin tema' stramba, iżda l-fatti huma fatti. Aħna ma nistgħux neħduha kontra n-natura, ma nistgħux inġagħlu l-basal l-isfar iżomm iżjed milli jżomm, għalkemm dak li stajna nagħmlu għamilnieh. Basal irmejna, imma kieku ma sifirniex xi ftit, kienet tintrema kwantità wisq akbar.

**Il-Patata**

Imbagħad għandna l-kwistjoni tal-patata. Ħafna jistaqsu l għala l-patata qed tiskarsa? Biex il-patata ma tintefax kollha fuq is-suq, u billi l-Gvern ma għandux postijiet adattati fejn iżomm il-kwantità maħżuna, irranġa

